MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 286/2005/1

**Aldrin Muscat f'ismu proprju u bhala Kuratur ad litem ta' bintu minuri Kelsey Ann, u dan b'digriet tal-1 ta' Settembru 2005**

**v.**

**Valerie Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta:

"… li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Awwissu 1997, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla bl-isem ta' Kelsey Ann; li l-hajja

konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba adulterju, vjolenza, minacci, sevizzi u ngurji gravi da parti tal-konvenuta, kif ukoll minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex jippromwovi l-istanza odjerna; li ghalhekk il-konvenut ghandu jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex: [1] tippronunza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Muscat minhabba htijiet tal-konvenuta; [2] takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Kelsey Ann lill-attur; [3] tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u taqsamha bejn il-partijiet kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa; [4] tordna lill-konvenuta thalli d-dar matrimonjali u cioe’ l-fond ‘Meadow Lark’, Dimello Street, Zurrieq u tordna li fiha jghix l-attur ma’ bintu ad eskluzjoni tal-konvenuta.”

Rat li l-konvenuta f’din il-kawza baqghet kontumaci;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-27 ta’ Marzu 2012 li permezz taghha l-Qorti ddecidiet illi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija primarja tal-attur, u dik sekondarja tal-konvenuta;

“[2] tilqa’ t-tieni talba fis-sens gja deciz fil-kawza fuq indikata;

“[3] tilqa’ t-tielet talba fis-sens gja deciz fil-kawza fuq indikata;

“[4] tichad ir-raba’ talba;

“L-ispejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] a kariku ta’ l-attur, u r-rimanenti terz [1/3] jibqa’ a kariku ta’ l-konvenuta.”

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

“Illi din il-Qorti hi tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni dettaljata tal-fatti kif moghtija mill-attrici, stante li din tinsab korroborata fid-diversi aspetti taghha minn xhieda, kif ukoll tenut kont tal-fatt li fil-maggjor parti taghhom, l-allegazzjonijet maghmula fil-konfront tal-konvenut ma gewx kontraddetti.

“Illi l-Qorti taqbel mal-perit legali li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u taqbel ukoll mal-konkluzjoni tieghu li l-mod kif gab ruhu l-konvenut mal-attrici matul il-konvivenza matrimonjali, l-attitudini tieghu fil-konfront taghha, in-nuqqas ta’ rispett, x-xehha tieghu, u l-insensittivita’ tieghu lejn il-bzonnijiet, anke finanzjarji, lejn martu u bintu, il-hbiberiji tieghu ma’ terzi u l-allontamenti perijodici tieghu, kumuluttivament irrendew l-konvivenza konjugali nsapportabbli ghall-attrici, u ghalhekk jikkostitwixxu ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16.
“Inoltre, jirrizulta provat ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti, li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut dahal f’ relazzjoni matrimonjali ma’ mara ohra;  u ghalhekk gie provat fil-konfront tieghu l-adulterju fit-termini ta’ l-artikolu 38 tal-Kap.16

“Il-Qorti tosserva li dawn il-fatturi huma l-kawza principali ghat-tifrik ta’ dan iz-zwieg, u li ghalhekk it-tort principali ghas-separazzjoni personali jirrisjedi fuq il-konvenut. Minn naha l-ohra jirrizulta li, wara li l-konvenut allontana ruhu mid-dar konjugali, l-attrici dahlet f’ relazzjoni extra-matrimonjali stabbli ma’ ragel iehor; u ghalhekk anke hi ghandha ggorr parti mill-htija, ghalkemm sussidjarjament.

“Il-komportament taz-zewg partijiet; is-sevizzi u l-adulterjru minn naha tal-konvenut, u l-adulterju sussegwenti minn naha ta’ l-attrici, jattiraw l-applikazzjoni fl-intier taghhom ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt  u ghandha tigi milqugha, primarjament u fi grad ta’ zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u sekondarjament u fi grad ta’ terz [1/3] mill-attrici.

**“Kura u Kustodja**

“Illi l-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-pika ezistenti bejn il-partijiet, hija tal-fehema li ma jkunx fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tkun kongunta bejn iz-zewg genituri; u, tenut kont li t-tifla li llum ghandha circa 14-il sena dejjem ghexet ma’ ommha, huwa fl-interess tal-minuri, din ghandha tibqa’ fil-kura u kustodja ta’ l-attrici esklussivament, bid-dritt ta’ access favur il-missier kull nhar ta’ Tlieta mill-17.00 pm sal-20.00 pm, u kull nhar ta’ Sibt mill-12.00 pm sas-17.00 pm

**“Manteniment**

“Illi rigward il-manteniment tal-minuri l-Qorti, tenut kont tal-introjtu tal-partijiet, u l-bzonnijiet tal-minuri li llum ghandha certu eta’, tikkomputa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghat-tifla fl-ammont ta’ mitejn u hamsin ewro [€250] fix-xahar, u li jinkludi fih spejjez edukattivi, u dawk medici li jkunu ta’ natura ordinarja, filwaqt li spejjez medici ohra jkunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali bejniethom. Dan l-ammont jizdied kull sena skond l-indici ufficjali dwar l-gholi tal-hajja.

“Il-manteniment jieqaf hekk kif il-minuri taghlaq it-tmintax-il sena, jew tlieta u ghoxrin sena, jekk tkun full-time student, kemm-il darba din ma jkollhiex impieg full-time b’ introjtu regolari u adegwat.

**“Dar Matrimonjali**

“Illi mill-provi jirrizulta li d-dar ‘Meadow Lark’ Demello Street, Zurrieq nbniet mill-konvenut fuq l-art ta’ missier l-attrici, bl-intiza li din l-art tigi eventwalment trasferita f’ isem l-attrici; izda dan it-trasferiment qatt ma sar, b’ mod li allura l-art baqghet tghajjat lill-missier l-attrici, ghalkemm l-attrici baqghet, u ghadha tghix f’ din id-dar.

“Minn naha tieghu jirrizulta li l-konvenut ghandu kreditu parafernali ghall-ispejjez li ghamel fil-kostruzzjoni tal-binja, li gew komputati fl-ammont ta’ disa u erbghin, erba’ mija u

tmienja u sittin elf ewro u disghin centemzu [€49,468.90], liema ammont ma giex kontestat.

“Ghaldaqstant f’ dan ir-rigward il-Qorti, b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 55A tal-Kap.16, tawtorizza lill-attrici fl-imsemmi fond tghix ad eskluzjoni tal-konvenut, vita natural durante; filwaqt li tordna lill-istess attrici thallas lill-konvenut l-imsemmija somma ta’ €49,468.90.

**“Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

“Illi din tikkonsisti fl-assi attiv u passiv, kif indikat mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-paragrafu 14, u l-Qorti taqbel ma’ l-assenjazzjoni kif indikata fil-paragrafu 15 ta’ l-istess relazzjoni, fil-pagni numri 59 sa 62, li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-gudizzju odjern [Appendici A][1]; u tordna li l-assi jigu assenjati kif hemm indikat.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija.

Rat ir-risposta tal-attur li permezz taghha filwaqt li oppona ghat-talbiet tal-appellata, intavola appell incidentali li permezz tieghu talab li tigi varjata s-sentenza msemmija fis-sens li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg kellha tkun ugwali bejn il-partijiet u  allura l-ispejjez kellhom ukoll jinqasmu ugwalment bejniethom; u li l-kumplament tas-sentenza tigi konfermata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Marzu 2013 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;
Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm l-appellanta qed titlob ir-revoka tas-sentenza inkwistjoni, fil-verita` hija qed titlob biss li tigi varjata parti minnha.  Infatti l-lanjanzi taghha huma migbura f’paragrafu wiehed u jghid hekk;

[1] Fols.560 sa563

"1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal dik il-parti mis-sentenza li tirrigwarda l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti. Illi f'dik il-parti tas-sentenza intestata 'Dar Matrimonjali' l-Ewwel Qorti ddecidiet u ordnat li l-esponenti tghix wehidha fid-dar matrimonjali u li inoltre hija thallas lir-ragel is-somma ta' Euro 49,468.90 lill-appellat in kwantu ghal *'kreditu parafernali ghall-ispejjez li ghamel fil-kostruzzjoni tal-binja...'.* Illi dan ir-ragunament tal-Ewwel Qorti huwa bir-rispett kollu kompletament skorrett u dan ghaliex kif irrizulta ampjament waqt il-kawza, id-dar matrimonjali ma hijiex propjeta` tal-esponenti appellanti izda propjeta` ta' missierha u ommha. Illi ghalhekk legalment u guridikament, anke jekk ghas-sahha tal-argument l-appellat ghamel xi benifikati, dawn ma sarux lill-appellanti izda se mai lis-sidien tad-dar ossia lill-genituri tal-esponenti appellanti. Illi tant huwa minnu u guridikament korrett dan l-argument tal-appellanti li l-istess attur anqas ma jippretendi li tkun l-esponenti li thalsu tal-benifikati – proprju ghaliex jaf li legalment ma hijiex l-esponenti li ghandha thallas ghal tali benifikati – u dana peress li l-istess appellat intavola kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Muscat vs Sacco' Cit Nru 706/10AE fejn fl-istess kawza talab li huwa jithallas minghand il-genituri tal-appellanti tal-benifikati li huwa kien allegatament ghamel fil-propjeta` taghhom. Illi ghalhekk bid-dovut rispett dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti kienet ordnat li l-esponenti taghmel dan il-pagament imsemmi ghandha tigi rrevokata u mibdula u li jekk l-appellat haqqu xi hlas ta' xi benifikat dawn jehodhom hekk kif ikun ordnat fil-kawza li nfethet appositament ghal dan l-iskop minn l-istess appellat u mhux mill-appellanti li kif hawn spjegat ma saru ebda benifikati lilha."

Ghalhekk l-appell huwa biss fis-sens li l-appellanta qed titlob li hija ma ghandhiex tigi ordnata thallas flus lill-attur ghal benefikati li huwa ghamel fid-dar matrimonjali ghaliex din hija proprjeta` ta' missierha u mhux taghha. L-argument li qed igib l-appellat huwa fis-sens li meta l-partijiet fl-ahhar seduta tat-22 ta' Gunju 2011 quddiem l-ewwel Qorti huma qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza

'*fuq l-atti kif inhuma*;' huma kienu qed jaqblu wkoll li l-kontenut tar-rapport tal-perit legali Dottor Stefano Filletti kellu jigi rifless fis-sentenza u r-rapport kien issottometta li dan il-hlas kellu jsir. Huwa jghid ukoll li l-perit legali ma giex eskuss u lanqas ma saret nota ta' kritika fir-rigward da parti tal-istess appellanta.

Il-Qorti jidrilha li l-ilment tal-appellanta huwa gustifikat. Jekk jigi ordnat il-hlas, hija se tkun qed thallas ghal benefikati li saru ghall-gwadann tal-proprjeta` u l-proprjeta` m'hijiex taghha. Ghalhekk tkun qed issir ingustizzja palesi jekk hija tigi ordnata taghmel dak il-hlas; jekk hlas ghandu jsir <u>dan irid isir minn min huwa l-proprjetarju</u>.

Il-Qorti pero` thoss li ghalkemm hija se tilqa' l-appell fir-rigward, ghandha tibbjasima lill-appellanta talli hija qaghdet tistenna l-kawza tigi deciza biex tappella minnha, meta setghet ghall-inqas turi bic-car lill-ewwel Qorti bl-opposizzjoni taghha ghal dan il-provvediment illi kif sewwa argumenta l-appellat ma inqalax mis-sema izda kien suggerit mill-perit legali. Il-Qorti ma thossx li l-fatt li l-partijiet ivverballizzaw li l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza '*fuq l-atti kif inhuma'* kien ifisser li huma jaqblu mal-kontenut tar-rapport izda li ma kellhomx izidu ma' dak li gia` kien hemm fil-process. Biss il-Qorti se tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-konvenuta appellanti qajjmet din il-kwistjoni fl-istadju tal-appell meta tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez u mhux se takkolla lill-appellat l-ispejjez kollha fir-rigward.

Kwantu ghall-appell incidentali, anke hawn il-Qorti thoss li dan huwa gustifikat. Anke meta l-kawza kienet ghaddejja quddiem l-ewwel Qorti gie stabbilit li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' terz u ghalhekk ghalkemm jirrizulta li kien il-attur li kkommetta adulterju l-ewwel, ladarba l-appellata wkoll ikkommettiet adulterju (huwa stabbilit u verballizzat fl-atti ta' din il-Qorti li hija kellha tarbija minghand l-istess persuna li maghha kellha relazzjoni) huwa gust li t-tort ghat-tifrik taz-zwieg ikun imqassam ugwalment. Ghalkemm indubbjament kien hemm ragunijiet ohra ghat-tifrik taz-zwieg, *l-adulterju dejjem kien meqjus bhala l-*

*kawzali l-aktar gravi illi ghaliha l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni personali* (**Vol XXXVII-parti ii, pagna 693**). Dan naturalment ikun rifless ukoll fil-kap tal-ispejjez.

Minhabba dak kollu li gia` ntqal ghalhekk il-Qorti se tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom ikunu maqsumin indaqs.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell tal-appellanta billi tilqghu  biss billi thassar il-parti  fejn hija giet ordnata thallas is-somma ta' €49,468.90 lill-attur appellat; tilqa' wkoll l-appell incidentali u tiddikjara li z-zwieg tfarrak b'tort taz-zewg partijiet; tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-kumplament; **izda** l-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------